



Brussell, 10 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6926/21

JUSTCIV 41
DROIPEN 45
EJUSTICE 26
FREMP 44
CYBER 59
DATAPROTECT 59
JAI 253
COPEN 121

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Marzu 2021
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tishiĥ tat-Taħriġ tal-Professjonisti tal-Ġustizzja
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill approvati permezz ta' proċedura bil-miktub

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tishiĥ tat-Taħriġ tal-Professjonisti tal-Ġustizzja kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fit-8 ta' Marzu 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Tisħiħ tat-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja

IL-KUNSILL

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Artikoli 81(2)(h) u 82(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar l-appoġġ tal-Unjoni għat-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju f'materji ċivili u kriminali;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA r-rwol kritiku tat-taħriġ ġudizzjarju fil-bini ta' kultura ġudizzjarja Ewropea komuni, ibbażata fuq l-istat tad-dritt, il-fiduċja reċiproka u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, kif ukoll fl-iżgurar tal-applikazzjoni korretta u uniformi tal-liġi tal-UE u l-effiċjenza u l-effettività tal-proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera fl-UE;

IL-KUNSILL

- (1) JILQA' b'apprezzament l-oġettivi ġodda, ambizzjużi u f'waqthom stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni "Niżguraw il-Ġustizzja fl-UE – Strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021–2024"¹, strument li ser jagħti spinta lit-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, filwaqt li jgħin biex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza u jiġu modernizzati s-sistemi tal-ġustizzja tal-UE;

¹ ST 13704/20

- (2) JINNOTA b'sodisfazzjon ir-riżultati tanġibbli miksuba permezz tal-ħidma mwettqa taħt l-istrategġja tal-Kummissjoni tal-2011 "Inkattru l-fiduċja f'Ġustizzja Ewropea - Dimensjoni ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew"², li parti minnha kkontribwiet biex aktar minn nofs il-professjonisti legali kollha tal-UE – aktar minn miljun parteċipant – attendew taħriġ dwar il-liġi tal-UE bejn l-2011 u l-2019;
- (3) JAGĦRAF il-ħidma sinifikanti mwettqa min-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), li kiber, immatura u kkonferma lill-nnifsu bħala li hu fl-aħjar pożizzjoni biex jikkoordina, permezz tal-membri tiegħu, attivitajiet ta' taħriġ nazzjonali u biex jiżviluppa taħriġ transfruntier għall-imħallfin u l-prosekuturi;
- (4) IQIS li huwa partikolarment importanti li titkompla u tiżdied il-ħidma biex il-kisbiet tat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew jissarrfu f'titjib fil-kwalità, id-diversità u l-impatt tat-taħriġ nazzjonali relatat mal-liġi tal-UE għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja;
- (5) JENFASIZZA li t-taħriġ ġudizzjarju Ewropew għandu jikkontribwixxi biex jitrawwem ir-rispett għall-istat tad-dritt u għat-tisħiħ tal-kultura Ewropea tal-istat tad-dritt, billi l-indipendenza, it-trasparenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali huma l-essenza tal-istat tad-dritt;
- (6) JISĦAQ li ż-żieda fl-għarfien u l-ħiliet tal-professjonisti tal-ġustizzja hija prerekwiżit biex jiżdiedu l-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji, u biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u l-fiduċja reċiproka f'proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera;

² ST 14196/11

- (7) JENFASIZZA r-rabtiet mill-qrib bejn it-taħriġ ġudizzjarju u s-sett ta' ġhodod tad-diġitalizzazzjoni ppreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE³, fejn it-taħriġ huwa msemmi bħala għodda kruċjali għall-immersjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja fir-realtà diġitali sabiex jiżdedu l-effiċjenza u l-effettività tal-użu tat-teknoloġiji diġitali fis-sistemi ġudizzjarji, u biex jiġu sfruttati kompletament il-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera;
- (8) JAGĦRAF li t-taħriġ ġudizzjarju Ewropew għandu jindirizza lill-professjonisti kollha involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja: l-imħallfin, il-prosekuturi u l-persunal ġudizzjarju u prattikanti oħra tal-ġustizzja;
- (9) JINNOTA li għad hemm differenzi konsiderevoli fl-adozzjoni tat-taħriġ fost l-Istati Membri u l-professjonisti tal-ġustizzja;
- (10) JIRRIKONOXXI li l-kwistjonijiet relatati mat-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja huma transprofessjonali, multidixxiplinari u multidimensjonali u jeħtieġu koordinazzjoni kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali;
- (11) JIRRIKONOXXI l-kisbiet tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi u jħeġġeġ lil professjonijiet oħra jibnu fuq dan l-eżempju tajjeb billi jippromwov u d-djalogu u l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-livell Ewropew fi ħdan l-istrutturi tan-networks eżistenti tagħhom;
- (12) JENFASIZZA l-importanza tal-appoġġ finanzjarju tal-UE fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew taħt il-programm il-ġdid Ġustizzja, il-potenzjal tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli taħt il-programm il-ġdid dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) u l-Fond Soċjali Ewropew iżda wkoll l-investimenti possibbli ffaċilitati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF);

³ ST 13708/20

- (13) JIEĦU KONT tal-ħidma żviluppata min-Networks Ġudizzjarji Ewropej f'materji kriminali u f'materji ċivili u kummerċjali biex tippromwovi u tikkontribwixxi għal sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja u r-riżultati tad-Disa' Ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar strumenti legali ta' rikonossiment reċiproku fil-qasam taċ-ċaħda jew ir-restrizzjoni tal-libertà, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ tal-prattikanti;

IL-KUNSILL

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

- JINKORAĠĠIXXU l-użu ta' possibbiltajiet ta' taħriġ u jappoġġaw lill-fornituri tat-taħriġ ġudizzjarju u lill-korpi professjonali rilevanti kollha;
- ISSAĦĦU l-isforzi biex jitnaqqsu d-differenzi bejn l-Istati Membri fl-għadd ta' professjonisti tal-ġustizzja li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli;
- JAGĦMLU UŻU SĦIĦ mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-programm Ġustizzja u l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV);
- JINVESTU fid-diġitalizzazzjoni tat-taħriġ ġudizzjarju, pereżempju f'termini ta' għodod ta' organizzazzjoni, l-aħħar metodoloġija ta' taħlim (elettroniku), il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet ta' taħriġ u tat-tagħmir għal taħriġ online f'postijiet ta' taħriġ deċentralizzati u l-użu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF);
- IĦEĠĠU lill-korpi professjonali nazzjonali u lill-fornituri tat-taħriġ tagħhom biex isegwu u japplikaw l-iżviluppi l-ġodda fil-metodoloġija tat-taħriġ, biex itejbu l-kwalità tat-taħriġ billi jidentifikaw aħjar il-ħtiġijiet tal-professjonisti, jevalwaw l-effetti tat-taħriġ u japplikaw metodi u għodod moderni inkluż għodod diġitali, u jimmotivaw il-ġudikatura u l-korpi professjonali biex isiru organizzazzjonijiet tat-tagħlim, pereżempju billi jippromwovu t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol;

- JINKORAĠĠIXXU lill-korpi professjonali nazzjonali u lill-fornituri tat-taħriġ tagħhom biex jindirizzaw, bħala komponenti obbligatori tat-taħriġ li joffru, il-valur komuni tal-UE tal-istat tad-dritt, kif stabbilit fit-Trattati u interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-ġurisprudenza relatata mal-Karta, u l-interazzjoni tal-Karta mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll taħriġ dwar għarfien mhux legali, lingwi barranin u ħiliet professjonali;
- JIŻGURAW il-kapaċità tal-fornituri tat-taħriġ nazzjonali biex jantiċipaw u jirreaġixxu b'mod flessibbli għall-iżviluppi fil-liġi tal-UE, bħall-istabbiliment u t-tħaddim tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), dawk relatati maċ-ċiberkriminalità u l-evidenza elettronika, id-Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza u l-adattament reċenti u li ġej tal-acquis dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, billi jadattaw u jsaħħu l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tal-professjonisti;
- JENFASIZZAW l-approċċ multidixxiplinari li għandu jinvolti t-taħriġ ġudizzjarju;
- JIPPROVDU, kollettivament, appoġġ koerenti u sostenibbli lill-ġudikaturi lil hinn mill-UE, b'mod partikolari dawk tal-Balkani tal-Punent, sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom, u jiżguraw li josservaw l-istandards tal-istat tad-dritt u jifhmu r-rwol tal-liġi tal-UE fil-prattika ta' kuljum u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi tal-UE fi proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali;

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX JAĤDMU MAL-FORNITURI TAT-TAĤRIĠ TAL-PRATTIKANTI TAL-ĠUSTIZZJA U MAL-KORPI PROFESSJONALI BIEX:

- JIŻGURAW li l-iskemi nazzjonali ta' taħriġ inizzjali u kontinwu jwasslu sabiex il-professjonisti kollha tal-ġustizzja jkunu jistgħu jidentifikaw ir-rwol tal-liġi tal-UE fil-prattika ta' kuljum tagħhom, japplikawha b'mod effettiv u jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi tal-UE fi proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali;
- JIEĦDU passi biex itejbu t-taħriġ dwar il-liġi tal-UE għall-professjonijiet fejn il-possibbiltajiet għat-taħriġ ma jintużawx b'mod sħiħ, bħal avukati, bailiffs, persunal tal-qorti, persunal tal-ħabs u tal-probation, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi stabbiliti mill-istrategġja Ewropea l-ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju;

- JINVESTU fl-aspetti Ewropej tat-taħriġ għall-professjonisti tal-ġustizzja fil-bidu tal-karriera tagħhom;
- JIŻGURAW li l-iskemi ta' taħriġ nazzjonali jagħrfu u jappoġġaw il-parteċipazzjoni f'taħriġ professjonali barra mill-pajjiż u jagħtu rikonossiment sħiħ għal tali parteċipazzjoni;
- JAGĦMLU sforzi biex jistabbilixxu u jsaħħu fejn diġà jeżistu, networks nazzjonali ta' koordinaturi tal-liġi tal-UE magħmula minn professjonisti li jkunu speċifikament imħarrġa u identifikati b'attenzjoni;
- JAGĦMLU użu sħiħ minn soluzzjonijiet diġitali biex iżidu l-effiċjenza u l-effettività tat-tagħlim;
- JGĦAMMRU lill-professjonisti tal-ġustizzja nazzjonali bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet adegwati relatati mal-aspetti kollha tat-teknoloġiji l-ġodda u d-diġitalizzazzjoni, inkluż l-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġija legali, li jippermettilhom jitrattaw każijiet relatati mad-diġitalizzazzjoni, jużaw it-teknoloġiji l-ġodda bħala għodod ta' ħidma, u jiżguraw protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-individwi fl-ispazju diġitali, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;
- JIŻGURAW l-introduzzjoni u l-użu mill-ġdid fil-livell nazzjonali tar-riżultati tanġibbli tal-proġetti Ewropej ta' taħriġ;

JAPPELLA LILL-ĠUDIKATURI U L-PROFESSJONIJET LIBERALI TAL-ISTATI MEMBRI BIEK:

- IŻIDU l-għarfien dwar il-fatt li l-membri anzjani u l-mexxejja tal-professjonijiet tal-ġustizzja għandhom rwol ewlieni fit-tixrid proattiv tal-informazzjoni dwar it-taħriġ nazzjonali u dak Ewropew u fl-appoġġ tal-parteċipazzjoni fihom;
- JINKORAĠĠIXXU lill-professjonisti kollha tal-ġustizzja biex jieħdu opportunitajiet ta' taħriġ, inkluż opportunitajiet barra minn pajjiżhom;
- ISAHĤU t-taħriġ għal professjonisti ġodda tal-ġustizzja dwar il-liġi tal-UE, pereżempju dwar ir-rwol tal-liġi tal-UE fis-sistema nazzjonali tagħhom u dwar l-acquis tal-istat tad-dritt;

JISTIEDEN lill-FRA, lill-EUROJUST, lil aġenziji oħra tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni u n-networks tagħhom biex:

- ikunu involuti b'mod sħiħ fit-taħriġ ġudizzjarju Ewropew;
- jidħlu f'relazzjonijiet ta' ħidma mal-fornituri tat-taħriġ Ewropej u – fejn rilevanti u possibbli – daww nazzjonali għall-professjonisti tal-ġustizzja, kif ukoll jappoġġawhom;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

- tippromwovi l-użu tat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew biex tissaħħaħ kultura legali komuni bbażata fuq il-prinċipji tal-istat tad-dritt, il-fiduċja reċiproka u d-drittijiet fundamentali;
- tappoġġa proġetti ta' taħriġ ta' kwalità għolja b'dimensjoni Ewropea li jiggarrantixxu s-sostenibbiltà u l-introduzzjoni tar-riżultati tanġibbli;
- tippromwovi opportunitajiet ta' taħriġ fil-litteriżmu u l-ħiliet diġitali għall-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal ġudizzjarju u prattikanti oħra tal-ġustizzja;
- tinvesti f'aktar diġitalizzazzjoni tal-metodoloġija tat-taħriġ ġudizzjarju;
- tinforma dwar u tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament tal-UE u l-proċess tal-ġestjoni tal-għotjiet;
- tinvesti fl-iżvilupp u l-promozzjoni tal-Pjattaforma Ewropea tat-Taħriġ fi ħdan il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika u tippromwovi l-aċċessibbiltà ta' din il-pjattaforma multilingwi għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja;
- tappoġġa n-networks Ewropej eżistenti biex jippromwovu u jsaħħu d-djalogu fost l-imħallfin, pereżempju permezz ta' forum ta' dijalogu "judges@europe", biex jiġi ffaċilitat l-iskambju bejn l-esperti, fuq bażi volontarja, dwar suġġetti relatati mal-istat tad-dritt kif ukoll l-integrità u l-indipendenza tal-ġudikatura f'qafas familjari u ta' fiduċja;

SER JIEĦU NOTA, annwalment, tal-progress li jsir mill-fornituri tat-taħriġ u l-Istati Membri lejn l-objettivi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u abbażi tar-rapporti annwali tagħha dwar it-taħriġ ġudizzjarju, u mal-partijiet ikkonċernati tal-ġustizzja u tal-professjonijiet liberi u l-Istati Membri.
